SANNAT

Minuti tat-tieni kontinwazzjoni tat-tletin laqgħa tas-seba' Leġislatura tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tnejn, 18 ta' April 2011 fis-7.30 ta' filgħaxija.

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Il-Membri |
| Is-Sindku | Philip Vella |
| Il-Viċi Sindku | Anthony Mercieca |
| Kunsilliera | Guda Taddeus Bajada<br>Joseph Bajada<br>Marlene Muscat |
| L-Uffiċjali:<br>Is-Segretarju Eżekuttiv | Arthur Bajada |

Il-laqgħa bdiet wara li ntqalet it-talba.

**Item 1. Mill-Minuti**

1473 *(para. 1453)* Il-bord tal-għażla għal Premju Ġieh Sannat ser ikun kompost minn Margaret Said, Manuel Tabone u Francis Cassar, il-Viċi Sindku u l-Kunsilliera preżenti. Is-Sindku ddikjara li hu mhux ser joqgħod fil-bord. Bħala attivitajiet f'Jum Sannat ser issir quddiesa fil-knisja parrokkjali ta' Sannat fis-7.00 p.m. u wara ser tittella' Serata ta' Talent Sannati fi Pjazza Santa Margarita fejn jitħabbar u jingħata l-Premju Ġieh Sannat.

1474 Il-kwotazzjonijiet għas-servizz ta' PA System għas-Serata ta' Talent Sannati kienu:

| Nru. | Kuntrattur | Ammont |
|---|---|---|
| 1. | Power Sound (Ronnie Dimech)<br>*Microphones 2.Headset mich.bil-€35 kull wieħed.*<br>*Speakers extra bil-€25 il-wieħed. VAT mhix inkluża.* | **€**147.50 |
| 2. | Antoine Debrincat<br>*Microphones 2* | **€**200.00 |
| 3. | Audio Tech (Joseph Theuma) | €325.00 |

Il-Kunsill għażel dik ta' Ronnie Dimech li kienet l-irħas waħda.

1475 *(para.1388)* Dwar iż-żjara tas-Segretarju Parlamentari Dr. Chris Said, il-Kunsill ġie nfurmat li ż-żjara ser issir nhar it-Tlieta, 26 ta' April 2011. Dan għandu jittieħed jara l-uffiċċini l-ġodda.

SANNAT

1476 *(para. 1450*) L-Electro Waste Malta Ltd. infurmaw lill-Kunsill li ser jiġbru l-ħwejjeġ għal reċiklaġġ darbtejn fix-xahar. Il-Kunsill għandu jiġi nfurmat bid-dati.

**Item 2. Proġett tal- Measure 313 u Measure 323**

1477 *(para. 1422)* Saret laqgħa ma' Mark Cini uffiċjal tal-MEPA għaliex qed jiġi propost mill-MEPA biex jitnaqqas mill-pavimentar u jsiru iktar soft areas u siġar. Sar il-*belateral meeting* ta' April 2011mal-*Paying Agency* dwar il-*Measure 313* u *Measure 323*. Il-Kunsill ġie nfurmat li d-dimensjoni tal-proġett bħal Measure 313 jeħtieġ Project Manager biex jagħmel xogħol bħal *l-administrative and clerical duties, l-action plan, implementation u monitoring* tal-proġett. Il-Project Manager għandu jipprepara l-informazzjoni u preparamenti tar-rapporti relatati mal-proġett, bħal *monthly progress reports, quarterly reports*, jagħmel il-*publicity requirements*, joħroġ press releases, updating tal-website, etc. Dan kollu hu mniżżel fl-applikazzjoni.

**Item 3. Materja Oħra**

1478 Il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-xogħlijiet għandhom jiġu biex jagħmlu l-bankina tal-Kunsill il-ġdid.

1479 Tal-*Wise Owl* ġabu l-kotba tal-offerta li jiswew €400 u l-Kunsilli jħallsu €200 biex jarahom il-Kunsill. Il-Kunsill qabel li dawn jiġu ordnati.

**Item 4. Ilmenti**

1480 Ilment ta' Anthony Sciberras ta' Triq Dun Luqa biex il-bankina ta' "Dar ta' Bess" fi Triq il-Kbira titwessa' bil-paving blocks.

1481 Frank Xuereb, Our Lady of ta' Pinu, Triq it-Tempju tal-Imramma, ilmenta dwar tarmak maqlugħ fin-nofs ta' Triq it-Tempju tal-Imramma.

1482 Ilment ta' Ann Cassar, Ta' Ċenċ Mansions, Triq Skerla dwar l-Skip on wheels ta' l-istess triq. Din qalet li fi Triq Skerla hemm bżonn ta' żewġ skips.

**Item 5. Budget 2011**

1483 *(para. 1472)* Beda jiġi diskuss l-budget għas-sena 2011. Ġie ppreżentat il-Budget skont id-dħul u l-infieq previst għas-sena 2011 skont il-kuntratti u proġetti li ġew approvati mill-Kunsill. Bl-infieq kurrenti u dak kapitali previst mill-Kunsill irriżulta li l-Kunsill kien ser jispiċċa b'*deficit*. Is-Segretarju ġibed l-atttenzjoni tal-Kunsill li dan mhux permess. Il-Kunsill beda jiddiskuti kif ser inaqqas l-ispejjeż ħalli jkun budget bla *deficit* skont ir-regolamenti finanzjarji. Ġew diskussi s-servizzi komunitarji li jinvolvu l-attivitajiet kulturali u soċjali li kienu tnaqqsu għal €23,500. Meta ġew diskussi xi attivitajiet dawn tnaqqsu għal €20,704. Wara l-Kunsill beda jiddiskuti l-infieq kapitali. Il-budget reġa' tħalla għal laqgħa oħra.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata sine die.

| | |
|---|---|
| Arthur Bajada | Philip Vella |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |